# ID-DEĊIŻJONI Nru 66/2019 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM TA' GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA

**tal-20 ta' Marzu 2019**

**relatata mal-elenkar ta' korpi għall-valutazzjoni tal-konformità taħt l-anness settorjali għat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni [2019/559]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Hemża A qed jiżdied mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni.
2. Il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-elenkar, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korp ta' Valutazzjoni tal-Konformità indikat fl-Hemża A ġie miftiehem mill-Partijiet u se jinżamm minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati biex joperaw f'isem il-Partijiet għall-finijiet tal-emendar tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva mid-data li fiha tkun saret l-aħħar waħda minn dawn il-firem.

| | |
|---|---|
| *F'isem l-Istati Uniti tal-Amerka* | *F'isem l-Unjoni Ewropea* |
| James C. SANFORD | Ignacio IRUARRIZAGA |
| Iffirmata f'Washington fil-21 ta' Frar 2019 | Iffirmata fi Brussell, fl-20 ta' Marzu 2019 |

*HEMŻA A*

**Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità tal-KE miżjud mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar t-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni**

| |
|---|
| LGAI Technological Center, S.A. (APPLUS)<br>Ronda de la Font del Carme, s/n<br>08193 Bellaterra. BARCELONA<br>SPAIN |